# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-10 ta' Ġunju 2020**

Appell numru 294 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Jordan AZZOPARDI**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 t'Ottubru 2019 fil-konfront ta' Jordan AZZOPARDI, karta tal-identità bin-numru 405889M fejn ġie mixli nhar il-31 ta' Jannar 2017 għal-ħabta tal-10:15 bil-vettura FBV705 ġewwa San Ġorg, San Ġiljan (in suċċint) :

a. Insulenta jew hedded lil Stefano Muscat bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;

b. Ħebb għal Stefano Muscat u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali;
c. Uża vettura bil-mutur fit-triq meta ma kienetx fis-seħħ polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Bħala sid ta' vettura bil-mutur naqas li din ikollha dejjem liċenza taċ-ċirkoltazzjoni maħruġa mill-Awtorita bi ksur tar-regolament 14(3) tal-Liġi Sussidjarja 368.02;
e. Kellu vettura bil-mutur fi triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk kienet tintuża mingħajr liċenza valida jew permess għaċ-ċirkolazzjoni valudu jew diska ta' liċenza temporanja valida maħruġa mill-Awtortita bi ksur tar-regolament 13(2) tal-Liġi Sussidjarja 368.02;
f. Saq vettura bil-mutur b'mod perikoluż bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)2 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Prosekuzzjoni ġiet mitluba wkoll sabiex tordna l-iskwalifika tal-appellant mill-liċenzji tas-sewqan kollha tiegħu għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa. Talbet ukoll li tipprovdi għas-sigurta ta' Stefano Muscat ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat mhux ħati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-ħames, u s-sitt imputazzjonijiet u minnhom illiberatu minn kull ħtija u piena; filwaqt li sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu,

u kkundannatu multa għas-somma ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) jitħallas b'rati mensili kif ukoll is-sospensjoni tal-liċenza għal żmien sena nonche penali ta' sitt punti fuq il-liċenza tas-sewqan. Dan wara li dik il-Qorti qieset illi :

(a) L-ewwel żewġt imputazzjonijiet kienu proċedibbli bil-kwerela tal-parti leża u ġaladarba bil-mod kif xehed Stefano Muscat dan wera li ma kienx jiftakar jew li ma ried jiftakar xejn fuq dan il-każ, qieset li huwa kien qiegħed jirtira l-kwerela tiegħu fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet;

(b) Il-kumplament tal-imputazzjonijiet ħlief għat-tielet imputazzjoni ma ġewx pruvati sal-grad rikjest mill-Liġi;

(c) It-tielet imputazzjoni kienet tirriżulta pruvata in kwantu l-appellant ma produċiex evidenza ta' ċertifikat ta' assikurazzjoni validu għaż-żmien rilevanti għal dan il-każ.

3. Illi l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi mħasra u anullata u tipproċedi skont il-Liġi. Dan wara li saħaq is-segwenti: -

(a) Skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kellha tiċċita l-artikoli tal-Liġi fil-parti dispożittiva tagħha – ħaġa li l-Qorti tal-Maġistrati ma għamlitx fis-sentenza tagħha;

(b) Inoltre x-xiehda ta' Stefano Muscat ma kienetx xiehda skont il-Liġi in kwantu dan ix-xhud beda jgħid li ma riedx jixgħed jew li ma riedx li huwa jiftakar. Din ma kienetx deposizzjoni li setgħet titqies li hija rinunzja tal-kwerela, li għandha tkun dejjem espressa, ċara u inekwivoka. Ix-xhud Stefano Muscat kien xhud

retiċenti li xehed b'mod neboluż u konfużjonali. Dan kien każ fejn il-Qorti tal-Maġistrati kellha tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 522 tal-Kodiċi Kriminali u ġġegħelu jixhed bil-mezzi msemmija fil-Liġi u mhux tqis l-istqarrijiet tiegħu li ma kienx jiftakar u li ma riedx jiftakar bħala xhieda valida jew rinunzja għall-kwerela. Il-fatt li dan ix-xhud kien *competent witness* u kif ukoll *compellable witness* kien jorbot lil Qorti tal-Maġistrati li tisimgħu bil-mezzi li ttiha l-Liġi u mhux toqgħod fuq dak li stqarr Stefano Muscat daqslikieku kienet xiehda valida.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi din is-sentenza titratta l-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza sollevata mill-Avukat Ġenerali.

5. Din il-Qorti rat li l-Avukat Ġenerali għandu raġun jgħid li fil-parti dispożittiva tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati naqset milli ssemmi l-artikoli tal-Liġi li taħthom sabet il-ħtija. Biss huwa minnu wkoll dak li jgħid l-Avukat tal-appellant illi l-Qorti tal-Maġistrati, a fol 57, fil-parti fejn tibda l-motivazzjonijiet tas-sentenza, issemmi l-artikoli tal-Liġi kollha li fuqhom kienet se tibbaża l-ġudizzju tagħha. Fil-fatt, hija semmiet kemm dawk l-artikoli tal-Liġi li in bażi tagħhom hija ma sabitx ħtija fl-appellant kif ukoll semmiet dak l-artikolu tal-Liġi li taħtu sabitu ħati. Strettament dik il-Qorti kellha ssemmi dak li l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi speċifikament x'għandu jkun fiha sentenza *ad validatem,* cioe :

> Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

6. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ *ad validitatem* li l-Qorti tal-Maġistrati issemmi fis-sentenza tagħha – mingħajr ma tispeċifika f'liema parti tas-sentenza - l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati semmiet l-artikolu li joħloq ir-reat fil-bidu tal-motivazzjonijiet tas-sentenza tagħha. B'hekk ma jiġix li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli ssemmi l-artikoli tal-Liġi li tikkontempla r-reat li in bażi tiegħu kienet qegħda ssib il-ħtija. F'dan il-każ l-artikolu tal-Liġi rilevanti kien imsemmi fil-motivazzjonijiet u mhux fid-deċide tas-sentenza. Skont l-Imħallef William Harding fis-sentenza mogħtija nhar is-27 t'Ottubru 1962 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Wiġi Azzopardi***, fil-każ li f'ċerti :

   > kontinġenzi d-disposittiv tas-sentenza jkun talment inxiddibilment marbut mal-motivazzjoni li jekk b'xi mod ikun dubbjuż għandu jieħu sens minnha... u kwindi hu loġiku, di fronti għat-termini ċari tal-paragrafu immedjatament preċedenti għad-dispożittiv, li dan, fid-dubju, jiġi interpretat skont il-motivazzjoni, anke għat-tenur tal-massima "in poenalibus benignius interpretandum est".

7. F'dan il-każ għalhekk jirriżulta li l-artikoli tal-Liġi kienu imsemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u b'hekk ma jistax jingħad li dik is-sentenza kienet tonqos mir-rekwiżit ad validitatem tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.

*Ikkunsidrat : -*

8. Aktar inkwetanti minn hekk pero huwa dak misjub fit-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali. Ix-xhud Stefano Muscat jirriżulta li ġie inġunt u xehed fit-8 t'Ottubru 2019. Ix-xiehda tiegħu ma tirriżultax inserita fl-atti. Iżda mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jirriżultaw tratti interessanti li jispjegaw sewwasew kif dan ix-xhud ġab ruħu meta deher quddiem il-Qorti. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha dan xi tgħid :

> Rat illi fis-seduta tal-lum 8 ta' Ottubru 2019, ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, Stefano Muscat, deher vizibilment skomdu u assolutament ma' riedx jixhed fuq il-fatti li fuqhomghogbu jipprezenta r-rapport lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex tiehu passi fil-konfront tal-imputat. Ghalkemm huwa minnu li x-xhud għandu jwieġeb għal kull mistoqsija li l-Qorti tippermetti li ssirlu u li jekk ma' jsirx dan, il-Qorti tista' saħansitra ġġiegħelu jwieġeb billi tordna d-detenzjoni tiegħu sakemm ikun ħalef u wieġeb, madanakollu l-Qorti fic-cirkustanzi qieset illi effettivament ix-xhud ma riedx jixhed fuq il-fatti **<u>ghax ma' ftakarx jew ma' ried jiftakar xejn</u>** fuq dan il-kaz, kliem li gew imlissna diversi drabi mix-xhud fil-preżenza tal-Qorti. Ghall-Qorti dawn il-kliem fissru b'mod tacitu imma car illi x-xhud kien qieghed jirrinunzja ghall-kwerela (ossija rapport) li ghamel fir-rigward tal-ewwel zewg akkuzi. Il-Qorti setghet tinnota ukoll illi x-xhud apparti li deher vizibilment skomdu biex jixhed, deher ukoll f'qaghda skoncertanti u xejn idoneja biex jixhed mhux l-anqas ghaliex irrimarka li ghandu bzonn psikjatra hdejh u kif ukoll li kellu hafna guh. Wara li nizel minn fuq il-pedana tax-xhud il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi u d-difiza ghażlet li tistrieh fuq il-provi li kien hemm.

9. L-Avukat Ġenerali fuq dan il-punt għandu raġun. Ma jirriżultax li b'xi mod tqajmet xi eċċezzjoni għall-kompetenza ta' dan ix-xhud jew għall-kompellabilita tiegħu. Fi kliem il-Qorti stess, dan kien ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni. Ix-xhud l-ieħor li xehed viva voce quddiem dik il-Qorti kien Stephen Cachia, rappreżentant ta' Transport Malta bit-traskrizzjoni tax-xiehda tiegħu tinsab a fol 38.

Altrimenti l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu jikkonsistu fl-affidavits ta' PC824 Cleaven Grima a fol 2, PS780 I. Camilleri a fol 3, l-NPS report redatt minn PS780, ċertifikat tat-tabib Afaque Nadeem flimkien maċ-ċertifikat mediku a fol 20 u 21.

10. Fil-Qorti tal-Maġistrati ix-xhud prinċipali għalhekk verament jirriżulta li kien Stefano Muscat. Dawn kienu proċeduri istitwiti mill-Pulizija Eżekuttiva *ex officio*. Huwa minnu li l-ewwel żewġt imputazzjonijiet kienu jeħtieġu il-kwerela tal-parti offiża. Iżda f'dan il-każ huwa veru wkoll li l-proċedura ġiet istitwita skont il-proviso tal-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali u tmexxiet skont l-artikolu 375 tal-Kodiċi Kriminali. Biss minbarra l-fatti fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni Stefano Muscat kien ukoll xhud ta' fatti oħra li huma rilevanti għall-fini tal-kumplament tal-imputazzjonijiet.

11. Meta inġieb biex jixhed, Stefano Muscat jirriżulta li ġab ruħu b'mod retiċenti għall-aħħar. L-affidavits ta' PC824 u PS780 juru li dan ix-xhud kellu ħafna xi jgħid dwar dan il-każ. U kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Maġistrati il-Liġi tipprovdi għal proċedura speċifika li trid tiġi adoperata f'sitwazzjonijiet bħal dawn. L-artikolu 522 jgħid is-segwenti : -

> (1) Il-qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jħawwad fix-xiehda tiegħu, billi twissih, iżżommu mwarrab għalih waħdu, jew ukoll billi tordna l-arrest tiegħu.
> (2) Kull xhud li ma jkunx irid jaħlef jew jixhed meta hekk meħtieġ mill-qorti jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mitt euro (€2,300) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mitt euro (€4,600) jew

priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.
(3) Il-qorti li quddiemha ix-xhud ma jkunx irid jaħlef jew jixhed għandha tordna l-arrest tax-xhud u għandha tordna lill-Pulizija biex fi żmien tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tressaq lix-xhud quddiem il-qorti kompetenti akkużat b'reat taħt is-subartikolu (2).
(4) Meta x-xhud akkużat kif imsemmi fis-subartikolu (3), f'kull żmien qabel tingħata sentenza finali fir-rigward tiegħu, jagħti x-xiehda tiegħu bil-ġurament quddiem il-qorti li quddiem ha tkun meħtieġa dik ix-xiehda u fi stadju li fih il-qorti tkun tista' tirċeviha, dak ix-xhud ma għandux jeħel il-piena ta' priġunerija iżda għandu jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa li ma tkunx aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).
(5) Kull proċedimenti kriminali in esekuzzjoni ta' ordni tal-qorti taħt is-subartikolu (3) għandhom jitmexxew bl-urġenza.

12. Għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati riedet timxi skont kif jgħid dan l-artikolu, hija għażlet li tqis ir-retiċenza ta' dan ix-xhud bħala turija ċara li huwa ried li jirrinunzja għall-kwerela li huwa kien għamel. Verament li dik il-Qorti setgħet tisma' lil dan ix-xhud jirtira l-kwerela u li jiddikjara li qiegħed jaħfer lill-appellant. Iżda f'dan il-każ ix-xhud Stefano Muscat l-anqas dan ma għamel. Skont dak li tirraporta l-Qorti fis-sentenza tagħha, huwa stqarr li ma kienx jiftakar u li ma riedx jiftakar. Bir-rispett kollu Muscat ma setgħax jagħżel xi jrid jiftakar jew ma jiftakarx.

13. Din il-Qorti tista' tifhem id-diffikulta li sab ruħu fiha Stefano Muscat u li ma riedx li jixhed kontra l-appellant – għal raġunijiet li jafhom hu. Iżda mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tabqad u tiġbed il-linja hemm. Altrimenti, kull xhud li jkun skomdu jixhed fil-każ ta' xi ħadd ikun jabbasta li jgħid li ma ftakarx jew li ma jridx jiftakar u kulħadd jibqa' billi ħa. Kjarament il-Liġi

ma tridx li dan iseħħ u b'hekk hemm l-artikolu 522 tal-Kodiċi Kriminali applikabbli għall-Qrati kollha ta' Ġustizzja Kriminali.

14. Il-Qorti tista' tifhem ukoll li dakinhar tas-seduta Stefano Muscat setgħa ma kienx f'qagħda li jixhed minħabba l-istat u l-kondizzjoni mentali li kien jinsab fihom. Dan jirriżulta mill-fatt li anke dik il-Qorti stess ħasset li kellha tirrimarka li dan talab li jkun hemm psikjatra ħdejh u li kellu ħafna ġuħ. Verament li stqarrijiet bħal dawn minn fuq il-pedana tax-xhieda juru li dak li jkun ma jkunx qiegħed sew.

15. Peress li dan kien xhud importanti u ewlieni għall-Prosekuzzjoni, il-Qorti kellha d-dover li tivverifika l-istat u l-kundizzjoni mentali tiegħu, jekk meħtieġ bl-għajnuna t'esperti. Iżda ma setgħetx taqbad u tagħlaq il-każ hemm billi tikkonsidra r-retiċenza, riluttanza u forsi anke l-istat mentali f'dak il-mument ta' dan ix-xhud bħala stqarrija li huwa kien qiegħed jirrununzja għal dak li kien rinunzjabbli fil-proċeduri penali istitwiti *ex officio*.

16. Semmai tipproċedi skont l-artikolu 522 tal-Kodiċi Kriminali. Inkella, jekk kellha dubju dwar l-istat u l-kondizzjoni mentali ta' dan ix-xhud tgħaddi sabiex tagħmel il-verifiki, anke tramite l-għajnuna t'esperti biex ikunu jistgħu jiddeterminaw jekk l-istess xhud kienx verament f'qagħda li jixhed o meno. Verament li dan ikun jeħtieġ differiment tal-udjenza. Iżda f'dan il-każ dan kien meħtieġ stante l-importanza ta' dan ix-xhud għall-Prosekuzzjoni.

17.Il-Qorti naqset milli tagħmel dan u b'hekk ġiet li ma semgħetx ix-xiehda ta' xhud ewlieni f'dan il-każ u *ceteris paribus* hija kienet dovuta li tisimgħu skont il-mezzi li għandha bil-Liġi. B'hekk dan in-nuqqas wassal sabiex dik il-Qorti ma semgħetx li dan ix-xhud. Kif osserva l-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo*** fid-9 ta' Settembru 1999 :

> Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro***, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita', sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita' tas-sentenza, huma sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti. Pero', biex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-gdid fil-meritu, izda ser tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti.

18.F'dan il-każ il-bażi tan-nullita tas-sentenza titnissel mhux daqstant mill-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati ma semgħetx xhud mitlub minn xi parti; jew għaliex dak ix-xhud ma weġibx b'mod kif xi parti xtaqitu jixhed; jew għax stqarr li ma kienx jiftakar ċerti fatti. In-nullita' titnissel mill-fatt li dak ix-xhud għażel li ma jixhedx mhux daqstant għaliex verament ma kienx jiftakar il-fatti tal-każ, daqskemm għaliex il-Qorti stess tgħid li huwa dikjaratament stqarr li **ma riedx li jiftakar xejn fuq dan il-każ**, u minflok dik il-Qorti għaddiet biex issewgi l-proċedura stabbilita mill-Liġi fl-artikolu 522 tal-Kodiċi Kriminali għażlet li tqis din ir-retiċenza bħala forma ta' rtirar tal-kwerela u rinunzja tal-azzjoni kriminali, u dan meta l-proċeduri kienu istitwiti *ex officio* u ma kienux immexxija skont l-artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali.

19. Dan wassal biex dik il-Qorti ma semgħetx lil dan ix-xhud fi kliemha stess, ewlieni, bil-mezzi li ttiha l-Liġi. Tiġi għalhekk li naqset milli tisma' din il-prova meta hija setgħet u kellha tisma' lil dik ix-xiehda, minkejja l-mezzi li ttiha l-Liġi. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan in-nuqqas li dik il-Qorti tisma' din il-prova, f'dan il-kuntest partikolari u eċċezzjonali, jammonta għal nuqqas ta' formalita', sostanzjali jew xort'oħra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali. Similment għal dak li kien iddeċieda l-Prim'Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano fis-sentenza aktar il-fuq imsemmija, f'dan il-każ, biex ma tipprivax lill-partijiet, u speċjalment lill-appellant, mill-benefiċċju tad-doppju eżami, din il-Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-ġdid fil-meritu, iżda ser tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati biex tipproċedi bis-smiegħ tax-xhud Stefano Muscat skont il-Liġi.

## *Decide*

Għall-motivi premessi din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti, wara li tisma' wkoll ix-xiehda ta' Stefano Muscat bil-mezzi li ttiha l-Liġi, tiddeċiedi dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmi Jordan AZZOPARDI.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***